**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 95/18AL

**AB**

**VS**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi hija zzewget lill-intimat nhar lis- 17 ta' Mejju, 1997. Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Rachel Mallia nhar il- wiehed u tletin (31) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tnejn (2002).

Illi miz-zwieg il-partijiet konjugi D kellhom tifel wiehed Idil D li llum huwa maggorenni;

Illi l-konjugi D ilhom isseparati ferm oltre l-erbgha [4] snin rikjesti mill-ligi;

Illi l-partijiet ma' ghandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom;

Illi l-partijiet ma' hemmx lok li jerghgu jirrikonciljaw;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Frar, 2018;

Semghet lir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur;

Fuq domanda tal-Qorti, l-intimat wiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Ottubru 2002 u ilhom separati ferm oltre l-erba' (4) snin rikjesti mill-Ligi;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.